Isem tal-Aġenzija: Beyond Borders Adoption Agency
Indirizz: P.O. Box 27 Balzan
Persuni Legalment Responsabbli: Is-Sa Sarah Alamango u Dott. Michelle Pace Micallef
*Email*: (info@adoptionsbeyondborders.com)
*Website*: (www.adoptionsbeyondborders.com)
Numru tat-telefon: 7956 0000.

L-10 ta' Jannar, 2014

Agency name: Beyond Borders Adoption Agency
Address: P.O. Box 27 Balzan
Legally Responsible Persons: Ms Sarah Alamango and Dr Michelle Pace Micallef
Email: (info@adoptionsbeyondborders.com)
Website: (www.adoptionsbeyondborders.com)
Telephone number: 7956 0000.

10th January, 2014

**Nru. 17**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 17**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
*A detailed justification is presented below:*

Numru ta' Riferenza: TK 146478
Post: Royal Malta Yacht Club, Ix-Xatt Ta' Xbiex, Ta'Xbiex, Malta
Proposta: Installazzjoni ta' *pontoons*, *platform*, u manutenzjoni ta' *slipway* eżistenti
*Reference Number: TK 146478*
*Location: Royal Malta Yacht Club, Ta' Xbiex Seafront, Ta'Xbiex, Malta*
*Proposal: To lay floating pontoons, lightweight landing platform and to resurface existing slipway*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-27 ta' Mejju 2010 u ittra relatata sottomessa fil-15 ta' Lulju 2013, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-6 ta' Novembru 2013.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 27th May 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 6th November 2013 and correspondence dated 15th July 2013.

| Impatti potenzjali<br>*Potential Impacts* | Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.<br>*Remarks on mitigation measures, etc.* |
|---|---|
| Tniġġis tal-ilma tal-pjan u fil-wiċċ | L-iżvilupp propost mhux mistenni li jkollu impatt negattiv kumulattiv fuq il-kurrenti tal-ilma, id-diflezzjoni tal-mewġ u l-ħin residenti tal-ilma f'Lazaretto Creek u n-naħa ta' ġewwa tal-port ta' Marsamxett. L-operat tal-iżvilupp propost huwa mistenni li se jkun aktar regolarizzat u organizzat, u li jissalvagwardja l-ambjent permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni, kontroll tat-tniġġiż, u infurzar. Permezz ta' dan, huwa mistenni li jkun hemm titjib tas-sitwazzjoni attwali fiż-żoni konċernati. Huwa wkoll mistenni li jitnaqqas ir-riskju ta' tniġġis, u li jiġu stabbiliti prattiċi ta' ġestjoni tal-iskart (li bħalissa huwa minimu) f'konformità sħiħa mar-regolamenti applikabbli filwaqt li jiġu indirizzati inkonvenjenzi oħra. |
| *Coastal water Pollution and circulation* | *The proposed development is not expected to have a cumulative adverse impact on the currents, wave deflection and water residence time in Lazaretto Creek and inner Marsamxetto Harbour. In turn, the proposal is expected to create a more regularised and organised operation, which will make mitigation, control, and enforcement of environmental issues easier. This is expected to result in an improvement over the current situation within the concerned areas. Proposal is also expected to minimise the risk of pollution, establish waste management practices (which are currently at a minimum), in full compliance with the applicable regulations and address other current undesirable inconveniences.* |
| Ħolqien ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit and the adoption of standard marina operation requirements.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | In-natura u d-daqs tal-proġett propost mhux probabbli li jikkontribwixxi għal impatti sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, u dan meta tiġi kkunsidrata n-natura tat-traffiku fiż-żona u attività oħra relatata mal-użu eżistenti tas-sit. |
| *Impact on air quality* | *The nature and size of the proposed project in relation to the existing related activity on site, and the traffic patterns of the wider landward area, is not likely to contribute to significant impacts on the air quality of the area.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Il-proġett mhux mistenni li jikkontribwixxi għal impatt ta' storbju u vibrazzjoni sinifikanti, u dan meta tiġi kkunsidrata n-natura tal-użi tal-art tal-madwar, kif ukoll użi marbuta mal-baħar li hija kkaratterizzata minn *yacht marina* akbar, u żona urbana. |
| *Noise and vibrations* | *The project is not expected to give rise to significant noise and vibration impacts, and this in understanding of the nature of the larger land-based and sea-based uses of the adjacent sites, which is characterised by a larger yacht marina, and a densely urbanised area.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni diġà eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *own lighters,* u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi. |
| *Light pollution* | *Light emissions during night time are not likely to be signficant over the current baseline situation. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

L-10 ta' Jannar, 2014

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

10th January, 2014